

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.4.2010
KUMM(2010)173 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

DWAR IR-REVIŻJONI F'NOFS IT-TERM TAL-MANDAT ESTERN TAL-BEI

{SEC(2010) 442}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Rilevanza u prestazzjoni tal-operazzjonijiet tal-BEI skont ir-reġjuni.....	3
2.1.	Pajjiżi fil-fażi ta' Preadeżjoni	4
2.2.	Pajjiżi tal-Viċinat	5
2.2.1.	Pajjiżi tal-Viċinat li jinsabu fil-Mediterran	5
2.2.2.	Pajjiżi tal-Viċinat fl-Ewropa u r-Russja	6
2.3.	L-Asja u l-Amerika Latina (ALA)	7
2.4.	L-Afrika t'Isfel	8
3.	Valur Miżjud tal-operazzjonijiet tal-BEI u l-garanzija tal-UE	8
3.1.	Valur finanzjarju miżjud	8
3.2.	Valur non-finanzjarju miżjud	9
4.	Kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-IFIs/BEIFs	10
4.1.	Kooperazzjoni mal-Kummissjoni	10
4.2.	Kooperazzjoni mal-IFIs/BEIFs	11
5.	Konklużjoni.....	11

1. INTRODUZZJONI

L-attivitajiet tal-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) barra l-UE jirrappreżentaw madwar l-10% tal-attivitajiet totali tal-BEI. Fl-2009, proġetti ffirmati barra l-UE ammontaw għal EUR 8.8 biljun barra minn finanzjament globali tal-BEI ta' EUR 79.1 biljun.

Il-maġġoranza tal-operazzjonijiet ta' finanzjament estern tal-BEI jibbenefikaw minn garanzija baġitarji tal-UE li tkopri riskji ta' natura sovrana jew politika. Din il-garanzija hija pprovduta fil-mezzi ta' mandat (l-hekk imsejħa "mandat estern") li tiegħu l-forma ta' deċiżjoni mill-Parlament u tal-Kunsill. Reċentement, il-garanzija mill-UE ġiet mġedda bid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009¹ (id-"Deċiżjoni"). Il-mandat estern għall-perjodu 2007-2013 bħalissa jkopri 64 pajjiż u/jew territorji fil-pajjiżi fil-fażi ta' Preadeżjoni, pajjiżi tal-Viċinat, pajjiżi tal-Asja u tal-Merika Latina kif ukoll fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

B'kuntrast, l-attività tal-BEI fil-pajjiżi ACP hija koperta mill-Ftehim separat ta' Sħubija ACP-UE (il-"ftehim ta' Cotonou"), ifffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI)².

Minbarra s-self mill-BEI skont il-mandat estern, u għal dak kopert mill-Ftehim ta' Cotonou, il-BEI jista' jseleff f'pajjiżi terzi waqt li dawn jieħdu riskju għal operazzjonijiet ta' investment ta' grad abbażi tal-Artikolu 16 tal-Istatut tiegħu.

L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni jobbliga lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni tiegħu flimkien ma' proposta għall-emendar tiegħu, imfassal *inter alia* fuq valutazzjoni esterna. Il-Komunikazzjoni preżenti (ir-"Rapport") u d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff (DHI) anness – flimkien imsejħa minn issa 'l quddiem bħala l-"evalwazzjoni" – huma bbażati fuq evalwazzjoni esterna sorveljata u amministrata mill-Kumitat Permanenti ta' Persuni Għorrief (SCWP), dwar evalwazzjoni mwettqa minn konsulenti esterni (COWI), u dwar l-evalwazzjonijiet speċifiċi imwettqa mid-dipartiment ta' evalwazzjoni tal-BEI. L-evalwazzjoni tippreżenta u tivvaluta l-attività finanzjament tal-BEI skont il-mandat attwali sa tmiem l-2009. Id-DHI jinkludi wkoll preżentazzjoni dettaljata tal-attività ta' finanzjament esterna tal-BEI fl-2009. Il-pakkett sħiħ għalhekk jikkostitwixxi r-rapport ta' nofs it-terminu previst fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni kif ukoll ir-rappurtaġġ annwali tal-2009 previst fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni. Is-sejbiet tar-Rapport jiffurmaw il-bażi għall-proposta leġislattiva li takkompanjah għal emendar tad-Deċiżjoni.

2. RILEVANZA U PRESTAZZJONI TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI SKONT IR-REĠJUNI

L-evalwazzjoni sabet li l-operazzjonijiet tal-BEI skont il-mandat mwettqa bejn l-2000 u l-2009 kienu konformi mal-politiki esterni tal-UE, filwaqt li tagħraf li dawn tal-aħħar kienu ġew definiti b'mod wiesa' u jħallu ambitu wiesa' għall-BEI biex jintervjeni fil-biċċa l-kbira tas-setturi tal-attività ta' investment. L-evalwazzjoni sabet li prijoritizzazzjoni strateġika tal-għanijiet kienet tgħin aktar aħjar lill-għanijiet ewlenin tal-mira tal-politika tal-UE Għalhekk,

¹ Deċiżjoni dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190 tat-22.07.2009, p.10).

² Barra minn hekk, l-BEI jagħmel faċilità tar-riżorsi proprja disponibbli għas-self fil-pajjiżi ACP, koperta minn garanzija mill-Istati Membri.

hija tissuġġerixxi li tiġi stabbilita rabta aktar ċara bejn l-għanijiet politiċi tal-UE u l-implimentazzjoni operattiva tagħhom mill-BEI.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonkludiet li s-sistema attwali tal-iffissar ta' għanijiet reġjonali fil-premessi tal-mandat tad-deċizzjoni hija relattivament riġida peress li ma tiħux inkunsiderazzjoni il-politiki tal-UE li qed jevolvu, il-prijoritajiet u ċirkostanzi li jinbidlu. Fl-istess ħin, is-sistema eżistenti iġorr ir-riskju li l-BEI iħaddan għanijiet wisq differenti, u b'hekk tillimita l-ambitu biex l-BEI jipprovdi valur miżjud fl-oqsma tiegħu ta' vantaġġ komparattiv.

It-tabella li ġejja tippreżenta l-ammonti ffirmati mill-BEI taħt garanzija tal-UE, imqassma skont ir-reġjuni. Fl-aħħar tal-2009, wara 3 snin mill-mandat ta' 7 snin, jew 43% taż-żmien li kien diġa għadda, ġie ffirmat b'mod ġenerali 46% tal-limitu totali għall-mandat. Madankollu, hemm differenzi reġjonali sinifikanti: l-utilizzazzjoni tal-mandat kien partikolarment għoli fil-pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni u fl-Asja; kien konformi mal-medja għall-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Amerika Latina; u baxx fil-Viċinat tal-Lvant u r-Russja. Minħabba l-progress tajjeb sal-lum fl-implimentazzjoni tal-mandat, u l-antiċipazzjoni tal-finanzjament tal-BEI bi tweġiba għall-kriżi li x'aktarx jkompli fl-2010, huwa possibbli li l-BEI se jilħaq xi limiti massimi reġjonali qabel it-tmiem tal-perjodu tal-mandat, notevolment fir-reġjuni tal-Preadeżjoni u dawk tal-Asja u l-Amerika Latina (ALA).

Tabella 1 - Livell ta' impenn skont il-mandat 2007-2013 fi tmiem l-2009

	Limitu ta' finanzjament għall-perjodu 2007-2013 (€ mn)	Firem netti fil-31.12.2009 (€ mn)	Firem netti fil-31.12.2009 (% tal-limitu)
Preadeżjoni	8,700	5,262	60
Pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar	8,700	3,860	44
Pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u r-Russja	3,700	403	11
L-Asja	1,000	616	62
L-Amerika Latina	2,800	1,305	47
L-Afrika t'Isfel	900	483	54
Total	25,800	11,929	46

Il-DĦP fih analiżi dettaljata tad-distribuzzjoni tal-finanzjament tal-BEI skont il-mandat skont is-settur, b'mod ġenerali u għal kull reġjun, kif ukoll ir-rati tal-ħruġ.

2.1. Pajjiżi fil-fażi ta' Preadeżjoni

L-ambitu tal-mandat għal pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni huwa l-aktar wieħed wiesgħa mill-mandati reġjonali u dan għaliex il-Bei jista' jsostni l-prijoritajiet wiesgħa tal-ftehimiet tal-Adeżjoni u tal-Partenarjat Ewropew, u l-Ftehimiet tal-Istabbilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni.

Il-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi li bħalissa jinsabu fil-fażi tal-preadeżjoni kiber sostanzjalment matul il-perjodu 2000-2009, kemm skont il-garanzija Komunitarja kif ukoll għar-riskju proprju tal-Bank, b'mod partikolari minħabba l-attività li qed tikber b'qawwa fit-Turkija (minn medja ta' EUR 500 miljun/sena matul l-ewwel snin tal-perjodu 2000-2007 għal aktar minn EUR 2.5 biljun/sena fl-2008 u 2009). Fl-2009, s-self totali tal-BEI fil-pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni laħaq EUR 4.3 biljun, li minnhom EUR 2.9 biljun kienu skont il-garanzija mill-UE.

Il-qasam prinċipali ta' attività kien is-settur tat-trasport b'50% tal-volum tas-self totali skont il-mandat ta' qabel u 39% sa issa skont dak ta' bħalissa. Dan huwa segwit minn self globali, l-aktar għall-SMEs, li żdied minn 22% għal 30% bejn iż-żewġ mandati. Iż-żieda sinifikanti ta' attività fis-settur tal-SMEs matul l-aħħar ftit snin kien determinat minn ħtieġa għall-appoġġ tas-settur finanzjarju Ċentrali u tal-Lvant, sabiex tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali matul il-kriżi finanzjarja. Dawn l-isforzi wasslet ukoll lill-BEI biex jikkoopera mill-qrib mal-EBRD u l-Bank Dinji Grupp skont Pjan ta' Azzjoni Konġunta IFI. Fl-2008 u 2009, kien iffirmit is-self globali għall-finanzjament tal-SMEs li jammonta għal EUR 3.8bn fil-pajjiżi li jinsabu fil-fażi tal-Preadeżjoni u dan jikkorrispondi għal 49% tal-operazzjonijiet totali tal-BEI. B'mod korrispondenti, il-livell anwali ta' nfiq irdoppja fuq dak miksub fl-2007.

L-evalwazzjoni sabet li l-BEI pprova appoġġ sinifikanti lill-pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni u dan fil-kuntest tal-proċess ta' tkabbir billi ifffinanzja proġetti rilevanti u l-promozzjoni politiki tal-UE. Madankollu, is-sehem tas-self għall-infrastruttura ambjentali kien baxx (rispettivament 4% u 2% tal-volum tas-self skont iż-żewġ mandati) u dan għandu jkun imsaħħaħ b'mod sinifikanti, f'konformità mal-prijorità marbuta ma' dan is-settur skont l-*acquis communautaire* u l-investimenti għoljin meħtieġa biex jintlaħqu l-obbligi li joħroġu minnha. Proġetti fl-infrastruttura ambjentali kellhom rata ta' ħruġ partikolarment baxxa minħabba l-kumplessità inerenti tagħhom u l-piż amministrattiv, fatt jagħmel iktar meħtieġa t-tisħiħ tar-riżorsi ddedikati mill-BEI għall-preparazzjoni tal-proġetti u s-supervizzjoni f'dan is-settur, anke permezz ta' għajnuna teknika. Fl-aħħarnett, l-evalwazzjoni sabet li l-BEI seta' għen lill-promoturi biex jiżviluppaw proġetti f'diversi każijiet li kieku kellu iktar staff u mezzi ta' assistenza teknika disponibbli, imma speċifikament waqfet fil-qasir billi issuġġeriet li l-BEI għandu jkun involut fil-bini ta' istituzzjonijiet ġenerali li f'kull każ mhux parti mir-responsabilità tiegħu.

2.2. Pajjiżi tal-Viċinat

2.2.1. Pajjiżi tal-Viċinat li jinsabu fil-Mediterran

Fir-reġjun tal-Mediterran, partikolarment wara l-introduzzjoni tal-FEMIP³, l-enfasi tal-BEI kienet li jippromwovu l-iżvilupp tas-settur privat u ta' ambjent li jagħti possibiltajiet, inkluż investiment fl-infrastruttura ekonomika tat-trasport, enerġija, ambjent u telekomunikazzjonijiet. Wara l-introduzzjoni tal-FEMIP fis-sena 2002 u r-rinfurzar tiegħu fl-2006, l-attività tal-BEI ġiet rikonoxxuta dejjem aktar bħala komponent importanti tal-politika Ewro-Med u tal-Unjoni għall-Mediterran. Is-self annwali żdied minn medja ta' EUR 773miljun/sena fil-perjodu 2000-2002 għal EUR 1.378miljun/sena fl-2007-2009. Filwaqt li s-self tal-BEI laħaq il-limitu massimu ġenerali skont il-mandat ta' qabel u filwaqt li r-rati tas-self skont il-mandat attwali huma skont l-aspettattivi, s'issa l-implimentazzjoni tal-Faċilitajiet tas-Sħubija Mediterranja għar-risku propju kienet iktar bil-mod. Skont dawn il-faċilitajiet

³ Facility for Euro-Mediterranean Partnership

għar-riskju proprju, total ta' EUR 2 biljun⁴ ġie mqiegħed disponibbli mill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI għall-perjodu 2007-2013, li minnu 14% biss ġie kkommess fi tmiem l-2009.

Il-qafas tal-FEMIP, li jinvolvi taħlita mill-qrib tas-self tal-BEI flimkien mar-riżorsi tal-ġħoti disponibbli skont il-baġit tal-UE għal assistenza teknika u kapital ta' riskju, flimkien ma' involviment mill-qrib ta' pajjiżi sħab fl-ippjanar strateġiku tal-attivitajiet tal-BEI, ifisser li hemm ankrar politiku qawwi tal-attività tal-BEI fi ħdan l-prijoritajiet tal-UE.

Skont il-mandat attwali, is-self mis-settur privat jirrappreżenta 35% tal-firem totali meta mqabbel ma' 23% skont il-mandat ta' qabel. Iż-żieda kienet misjuqa minn self globali għall-SMEs (li jammonta għal 16% tas-self totali skont il-mandat il-ġdid), mill-investimenti industrijali privati (10%) u mill-promozzjoni tal-involviment tas-settur privat permezz tal-Partenarjati-Pubbliċi-Privati (PPPs) fi proġetti infrastruttura ambjentali u oħrajn 9%. Barra minn hekk, matul l-aħħar tliet snin, il-BEI mexa bl-implimentazzjoni tal-Pakkett Speċjali tal-FEMIP, li skont dan il-BEI tiffinanzja operazzjonijiet ta' riskju għola tas-settur privat fil-pajjiżi tal-Mediterran. L-attività ta' self tal-BEI fil-pajjiżi Mediterranji kienet ikkumplementata b'mod utli minn investimenti ta' ekwità privata, li jammontaw għal medja ta' EUR 44 miljun kull sena matul l-aħħar ħames snin. Minkejja dan il-progress, għandu jsir aktar biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp lokali tas-settur privat, li hija prijorità ewlenija għall-pajjiżi Mediterranji, kif ukoll biex jingħata appoġġ lill-proġetti ewlenin skont l-inizjattiva tal-Unjoni għall-Mediterran.

F'Mejju 2008 il-Kummissjoni għamlet proposta leġislattiva biex timmodifika l-Artikolu 23 tar-regolament ENPI⁵ li jekk adottata se tippermetti l-użu ta' rimborsi minn operazzjonijiet tal-passat skont il-FEMIP li jippermettu jżied l-appoġġ tiegħu għas-settur privat fil-pajjiżi tal-Mediterran. Il-proposta ġiet adottata mill-Parlament Ewropew filwaqt li l-Kunsill tawwal il-verifikar tagħha.

2.2.2. Pajjiżi tal-Viċinat fl-Ewropa u r-Russja

L-ewwel mandat għar-Russja⁶ u t-tieni mandat għar-Russja, l-Ukraina u l-Moldova kienu parzjalment iffirmati mill-BEI (85% tal-EUR 100 miljun disponibbli u 46% tal-EUR 500 miljun disponibbli rispettivament). Skont il-mandat sussegwenti u kurrenti, 11% biss tal-ammont disponibbli ta' EUR 3.7 biljun ġie ffirmat kif fi tmiem l-2009. Tliet operazzjonijiet ġodda ġew iffirmati matul l-ewwel kwart tal-2010 li jġibu l-utilizzazzjoni totali ta' EUR 748 miljun jew 20% tal-ammont disponibbli. F'termini ta' ħruġ ta' flus, l-ammont iffirmat skont l-ewwel mandat kien kompletament imħallas, filwaqt li terz tal-ammont ffirmat skont it-tieni mandat kien imħallas fi tmiem l-2009. Skont il-mandat attwali, 29% tal-ammont iffirmat kienu mħallsa fi tmiem l-2009.

Ir-raġunijiet għal din l-adozzjoni hekk bil-mod jistgħu jiġu attribwiti għal diversi fatturi, b'mod partikolari l-enfasi settorali limitata tal-mandati, l-ambjent politiku u ekonomiku tal-pajjiżi msieħba li ġew serjament milquta mill-kriżi, l-investimenti limitati mill-promoturi tal-

⁴ Fir-rigward tal-perjodu 2000-2006, EUR 1 biljun saru disponibbli skont il-Faċilità tas-Sħubija Mediterranja I, li minnhom EUR 0.63 biljun ġew kkommessi.

⁵ Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Viċinat Ewropew u Strument ta' Sħubija.

⁶ "Northern Dimension Environmental Partnership".

proġett fir-reġjun f'setturi mmirati mill-mandat⁷ u l-ħin meħtieġ biex jiġu stabbiliti arranġamenti ta' ħidma għall-kofinanzjament mal-EBRD. Diversi investimenti ġew ukoll imdewma minħabba preparazzjoni mhux xierqa ta' proġetti u implimentazzjoni limitata tal-kapaċità tal-promoturi fir-reġjun. Barra minn hekk, bosta proġetti fis-settur tat-trasport fir-Russja kienu posposti minħabba tilwim bejn l-UE u r-Russja fuq ħlasijiet tat-toroq u merkanzija u d-drittijiet tal-użu tal-ispazju tal-ajru trans-Siberjan.

In-natura relattivament inflessibbli tal-Memorandum ta' Ftehim (MoU) li jirregola l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-BEI u l-EBRD u r-riżorsi limitati tal-istaff tal-BEI naqqsu l-effettività tal-intervent tal-BEI f'dan ir-reġjun. Il-Kummissjoni, l-BEI u l-EBRD qed jirrevedu hawn fuq l-MoU biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom.

2.3. *L-Asja u l-Amerika Latina (ALA)*

Id-Deċiżjoni espressament titlob eżaminar mill-ġdid tal-għanijiet tal-mandat ALA, li kienu imwessgħa skont il-mandat attwali biex jinkludi mhux biss l-appoġġ għall-preżenza tal-UE permezz tal-Investiment Dirett Barrani (FDI) u t-trasferiment ta' teknoloġija u għarfien, iżda wkoll benefiċċji ambjentali sostenibiltà, inkluż it-tibdil fil-klima u sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, l-BEI intalab progressivament jallinja l-attività tiegħu mal-istrateġija ta' kooperazzjoni tal-UE u jestendi l-finanzjament tiegħu għal aktar pajjiżi, inklużi dawk inqas sinjuri.

F'termini ta' volum, il-BEI wiegħed l-ammont sħiħ disponibbli skont il-mandat preċedenti għall-pajjiżi ALA u diġà impenja aktar minn 50% tal-limitu skont dak ta' bħalissa. Fl-Amerika Latina, il-biċċa l-kbira tas-self (93%) skont il-mandat attwali kien fit-telekomunikazzjoni u fl-oqsma produttivi biex jingħata appoġġ għall-preżenza tal-UE. B'mod parallel, ftit self fis-sostenn tas-sostenibiltà ambjentali, speċjalment fil-qasam ta' enerġija rinnovabbli, ġie ffirmati mill-BEI (7%). Fl-Asja, l-biċċa l-kbira tas-self kien għall-enerġija rinnovabbli u miżuri ta' mitigazzjoni wara diżastru naturali (76%) mal-bqija ddedikat għall-FDI. Il-BEI kkonkluda ukoll żewġ operazzjonijiet ewlenin għar-riskju proprju tiegħu: qafas ta' self ta' EUR 500 miljun għall-appoġġ lill-proġetti marbuta mal-bidla fil-klima fiċ-Ċina u self għal proġetti idroenerġija fi Panama. Il-bidla tal-intervent tal-BEI favur operazzjonijiet b'valur miżjud oġhla fl-appoġġ ta' sostenibiltà ambjentali għandha tkun meqjusa sodisfaċenti għall-Asja iżda għandha tiġi mtejba għall-Amerika Latina. Ir-rati tal-ħruġ fir-reġjuni huma l-oġhla (80% tal-ammonti impenjati skont il-mandat ta' qabel) u dawn jirriflettu wkoll is-sehem relattivament għoli ta' proġetti tas-settur privat li ta' spiss jiġu mħallsa aktar malajr milli per eżempju proġetti kbar ta' infrastruttura tas-settur pubbliku.

L-evalwazzjoni sabet li d-daqs żgħir tal-mandat ALA, kif ukoll l-istaff operattiv ferm limitat tal-BEI u n-nuqqas ta' riżorsi konċessjonali, jagħmluha wisq diffiċli għall-BEI biex jilħaq il-ħafna għanijiet stabbiliti fil-mandat ALA. Pereżempju, huwa diffiċli għall-BEI biex ipoġġi fil-mira tiegħu pajjiżi inqas għonja, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw ir-rekwiżiti stretti ta' konċessjonalità ta' dejn. Barra minn hekk, instab li m'hemm ebda raġuni biex jinżamm l-għan ta' appoġġ għall-preżenza tal-UE, b'mod partikolari l-appoġġ għall-FDI, bħala oġettiv fih innifsu, minħabba l-possibbiltà għall-BEI li jiffinanzja din it-tip ta' attività għar-riskju proprju tiegħu u minħabba l-valur miżjud limitat ta' din it-tip ta' attività meta mqabbla ma' prijoritajiet

⁷ Skont id-Deċiżjoni, fil-Pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u r-Russja l-BEI għandu jiffoka fuq it-trasport, l-enerġija, t-telekomunikazzjonijiet u l-infrastruttura ambjentali. Kien biss dan l-aħħar li l-finanzjament tal-SMEs sar eliġibbli fil-pajjiżi Msieħba tal-Lvant.

oħra appoġġjati mill-BEI skont il-mandat, bħall-appoġġ għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u l-adattament u l-effiċjenza tar-riżorsi.

2.4. L-Afrika t'Isfel

Fl-Afrika t'Isfel, il-BEI ffirmat b'mod sħiħ l-ammont disponibbli skont il-mandat ta' qabel u diġà impenja 54% tal-ammont disponibbli skont il-mandat ta' bħalissa. Il-fokus tal-attività tal-BEI kien il-proġetti pubbliċi ta' infrastruttura (fl-akkomodazzjoni soċjali bi prezz raġonevoli u l-infrastruttura urbana relatata) u s-self globali favur l-SMEs. L-attività ta' self għet utilment ikkumplementata mill-rwol ta' konsulenza li kellu l-BEI fil-fondi ta' kapital tar-riskju stabbilit mill-Kummissjoni.

L-operazzjonijiet tal-BEI fl-Afrika t'Isfel kienu partikolarment effettivi fis-settur pubbliku, bil-bżonnijiet sinifikanti tiegħu ta' investiment fl-oqsma ta' infrastruttura ekonomika u soċjali. L-operazzjonijiet tas-settur privat kienu aktar effettivi meta mwettqa fil-kooperazzjoni ma' intermedjarji finanzjarji lokali. Il-BEI jista' jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni reġjonali billi jisfrutta sinerġiji possibbli mal-attività skont il-Ftehim ta' Cotonou.

3. VALUR MIŻJUD TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI U L-GARANZIJA TAL-UE

3.1. Valur finanzjarju miżjud


Il-BEI jipprovdi valur finanzjarju miżjud prinċipalment billi joffri ammonti kbar ta' self bi skadenzi itwal u perijodi ta' grazzja f'kundizzjonijiet attraenti li m'humiex disponibbli fis-suq. Mill-evalwazzjoni nstab li l-addizzjonalità partikolarment għolja fl-operazzjonijiet tas-settur pubbliku, notevolment għall-investimenti fl-infrastruttura. Fis-settur privat, il-maturitajiet itwal ta' self tal-BEI jagħmluhom addizzjonali partikolarment f'pajjiżi bi swieq finanzjarji inqas żviluppati. Il-valur finanzjarju miżjud għal self b'maturità iqsar fis-settur privat instab li kien ta' natura aktar katalitika, peress li jgħin biex jiġu attirati l-kofinanzjaturi. L-addizzjonalità tal-BEI kienet pjuttost limitata għal self ta' appoġġ għall-UE-FDI, fejn il-finanzjament mill-banek kummerċjali huwa aktar faċilment disponibbli taħt ċirkostanzi normali.

Il-garanzija Komunitarja kienet l-istrument ewlieni li jippermetti lill-BEI biex jiġi involut f'firxa wiesgħa ta' pajjiżi u ta' dawk li jissellfu, kemm billi tippermetti lill-BEI biex jintervjeni fil-pajjiżi ta' riskju oġġla u operazzjonijiet u kemm billi tagħmel kundizzjonijiet finanzjarji aktar attraenti għal min jissellef. Minħabba dan il-fatt, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jirrevedu l-limiti stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija għall-operazzjonijiet ta' riskju subsovrani li nstabu li kienu effettivament jirrestrinġu l-aċċess għal self minn municiplitalitajiet iżgħar, b'mod partikolari f'xi pajjiżi, bħall-Afrika t'Isfel.

Il-BEI kien mitlub skont id-Deċiżjoni biex iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra l-UE mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE. Għall-pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni, dawk tal-Viċinat tal-Mediterran u tal-Lvant inkluż ir-Russja, il-BEI stabbilixxa faċilitajiet sostanzjali transsettorjali għar-riskju proprju. Barra minn hekk, kienet stabbilita Faċilità għall-Enerġija Sostenibbli u s-Sigurtà tal-Provvista ta' valur ta' EUR 3 biljun għar-riskju proprju, li tindirizza *inter alia* il-kwistjonijiet relatati mal-bidla fil-klima. Madankollu, is-self tal-BEI għar-riskju proprju huwa limitat għall-pajjiżi bi grad ta' investiment u strutturi bi grad ta' investiment f'pajjiżi bi grad ta' subinvestiment (eż. it-Turkija), inklużi l-operazzjonijiet EU FDI. Matul l-aħħar 3 snin, il-BEI żied għar-riskju proprju tiegħu operazzjonijiet esterni, għalkemm dawn

huma ffukati prinċipalment fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-Preadeżjoni (immexxija minn kapaċità ta' assorbiment għoli fit-Turkija u l-Kroazja) u ċ-Ċina.

Table 2 – Evolution of EIB lending activity by type of guarantee over 2000-2009



L-evalwazzjoni sabet li l-bżonnijiet tal-investiment tar-reġjuni koperti mill-mandat tal-BEI huma tant importanti li s-self garantit, limitat bil-baġit dejjem kostrett tal-UE, jeħtieġ li jiġi appoġġjat minn ammont sinifikanti għar-riskju propju tal-BEI stess, partikolarment għal pajjiżi ta' grad ta' investiment u operazzjonijiet. Permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' teħid ta' riskju propju tal-BEI fl-operazzjonijiet esterni, il-BEI jista' jipprovdi valur miżjud ċar bl-użu tal-karta tal-bilanċ tiegħu stess, filwaqt li jiffoka operazzjonijiet tal-BEI skont garanzija mill-UE fil-pajjiżi u għal operazzjonijiet li jkollhom iktar diffikultajiet biex jiksbu l-finanzi mis-swieq kapitali.

Jista' wkoll jinkiseb aktar valur miżjud billi jittieħed vantaġġ mill-opportunità li jiġu provduti garanziji skont il-mandat (il-mandat inkluda din il-possibbiltà mill-2007 imma l-ebda operazzjonijiet ta' garanzija ma ġew iffirmati mill-BEI skont il-mandat), f'konformità ma' dak li l-BEI diġà qiegħed jagħmel fil-pajjiżi ACP, b'mod partikolari bil-ħsieb li jipprovdi garanziji lejn intermedjarji finanzjarji biex jittaffew ir-restrizzjonijiet kapitali. Barra minn hekk, id-Dipartiment tal-Evalwazzjoni tal-BEI ikkonkluda li l-valur miżjud tal-operazzjonijiet tal-BEI jistgħu jiżdiedu jekk il-BEI jkollu rwol akbar fl-iżvilupp tas-settur finanzjarju kif ukoll fil-finanzjament tal-munita lokali. Dan tal-aħħar, madanakollu, jeħtieġ il-preżenza ta' polza lokali u suq tal-kambjali jew suq tat-tpartit.

3.2. Valur non-finanzjarju miżjud

Lil hinn mill-kontribuzzjoni finanzjarja sinifikanti pprovduta lil min jissellef, il-BEI jikkontribwixxi pożittivament permezz tal-proċess ta' evalwazzjoni tiegħu, li hu bbażat fuq il-konformità ma' standards tal-UE (speċjalment l-ambjent u l-akkwisti) u l-kompetenza teknika u ekonomika tal-istaff tal-proġett tal-BEI. Il-valur miżjud kien ogħla meta l-BEI

kkontribwixxa għat-tnejn tal-proġett permezz ta' assistenza teknika jew qajjem l-istandards tal-proġett permezz ta' kundizzjonalitajiet kuntrattwali. Instabu xi nuqqasijiet fil-fażi ta' monitoraġġ, notevolment fir-rigward tas-segwitu tal-impriżi kuntrattwali u l-monitoraġġ ta' operazzjonijiet permezz ta' intermedjarji finanzjarji.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li hemm potenzjal għal aktar valur miżjud, b'mod partikolari bid-dedikazzjoni ta' aktar riżorsi għal għajnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, kif ukoll għal monitoraġġ eqreb tal-proġetti. Barra minn hekk, wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni f'Lulju 2009, il-BEI huwa mitlub biex ittejjeb l-attività tiegħu b'appoġġ għall-oġettivi tal-politika ta' żvilupp tal-BEI. Din hija sfida diffiċli peress li l-mudell tan-negożju tal-BEI mhux immirat lejn attivitajiet ta' riżorsi intensivi bħal finanza għall-iżvilupp. Dan ikun jeħtieġ, inter alia, t-tisħiħ tal-kapaċità tal-BEI sabiex jivvaluta l-aspetti soċjali u dawk tal-iżvilupp ta' proġetti, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u r-riskji relatati ma' kunflitt, u biex jippromwovi attivament il-konsultazzjoni lokali mal-preżenza lokali. Fl-aħħarnett, l-BEI għandu jiddefinixxi indikaturi ta' prestazzjoni li jkopru l-għanijiet tal-politika tal-iżvilupp.

4. KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI U MAL-IFIS/BEIFs

4.1. Kooperazzjoni mal-Kummissjoni

L-evalwazzjoni turi li filwaqt li kooperazzjoni bejn l-BEI u l-Kummissjoni kienet waħda limitat ħafna qabel l-2000, din gradwalment intensifikat ruħha matul il-perjodu 2000-2009. Din il-kooperazzjoni sseħħ fuq livelli differenti, minn djalogu politiku għall-programmi konġunti u kollaborazzjoni fuq livell nazzjonali inkluż permezz ta' involviment ta' delegazzjonijiet tal-KE. It-termini ta' din il-kooperazzjoni huma stabbiliti fl-Memorandum ta' Ftehim reċentement konkluż bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Madankollu, ġie kkonstatat li hemm opportunitajiet biex tittejjeb il-kooperazzjoni b'artikolazzjoni aħjar tal-attivitajiet taż-żewġ istituzzjonijiet u bl-iżgurar ta' aktar koerenza u integrazzjoni akbar fl-iprogrammar u fil-fażi ta' implimentazzjoni.

Eżempju wieħed ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-BEI hu l-FEMIP, li jinvolvi djalogu eqreb fil-qafas tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-FEMIP u laqgħat Ministerjali kif ukoll programmi konġunti għall-kapital ta' riskju u għajnuna teknika. Il-Kummissjoni wkoll riċentament stabbiliet numru ta' mekkaniżmi finanzjarji skont l-IPA, l-ENPI u d-DCI, sabiex tgħaqqad l-għotjiet tal-baġit u s-self mill-BEI, l-EBRD u istituzzjonijiet oħra Ewropej finanzjarji multilaterali u bilaterali. Dawn il-mekkaniżmi qed juru li huma mezzi importanti biex tiżdied l-effettività tal-għajnuna, jippromwovu l-kooperazzjoni u għas-sejbien ta' riżorsi ġodda għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba, għalkemm għad hemm lok għat-titjib tal-konsistenza tagħhom.

Fl-aħħarnett, l-evalwazzjoni sabet li għandu jkun żgurat djalogu upstream aktar sistematiku inkluż fuq dokumenti strateġiċi ewlenin. Il-BEI għandu jkun aktar involut mill-qrib mill-istituzzjonijiet tal-UE – il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għal Azzjoni Esterna ffurmat dan l-aħħar - fid-definizzjoni ta' politika u fl-iżvilupp tal-pajjiż u l-istrateġiji tas-settur, li mbagħad dawn għandhom jgħaddu fl-istrateġiji dwar l-attività tal-BEI. Fuq livell ta' proġett, il-proċedura ta' konsultazzjoni tal-Artikolu 19, li hija maħsub biex tiżgura konformità tal-proġett tal-BEI mal-politiki l-UE qabel l-approvazzjoni finali tal-BEI, għandha tiġi msaħħa mill-Bank li jipprovdi tagħrif iktar estensiv dwar il-kontribuzzjoni tal-operazzjoni għall-oġettivi ta' politika tal-UE.

4.2. Kooperazzjoni mal-IFIs/BEIFs

Id-Deċiżjoni speċifikament tipprevedi li l-operazzjonijiet tal-BEI għandhom ikunu dejjem iktar imwettqa b'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) jew l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Bilaterali Ewropej (EBFIs). Rekwiżit speċifiku kien stabbilit għall-kooperazzjoni mal-EBRD (u l-Kummissjoni) fir-reġjun tar-reġjun tal-Viċinat tal-Lvant, fir-Russja u fl-Asja Ċentrali.

L-evalwazzjoni turi li l-ammont tal-kofinanzjament mill-BEI u l-IFIs/EBFIs żdied b'mod qawwi fis-snin riċenti biex laħaq 60% tal-finanzjament totali tal-BEI skont il-mandat fl-2009. Matul il-perjodu fir-reviżjoni, il-BEI gradwalment stabbilixxa serje ta' MoUs (bilaterali u multilaterali) mal-IFIs/EBFIs fir-reġjuni differenti ta' operazzjoni. Uħud mill-MoUs li daħlu fis-seħħ matul il-mandat ta' bħalissa: dak mal-Kummissjoni u l-EBRD tal-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja u l-Asja Ċentrali; il-Qafas ta' Ftehim NIF; u l-ftehim reċiproku ta' dipendenza mal-KfW u AFD għar-reġjun tal-Mediterran u l-Afrika. Dawn il-MoUs jirrappreżentaw l-impenji msaħħa għall-kooperazzjoni ta' natura operazzjonali. Żieda ta' 'ko-finanzjament u kollaborazzjoni' żiedu l-possibbiltà għal proġett koerenti u kondizzjonalità tas-settur fost l-IFIs, kif mitlub mid-Deċiżjoni.

Rigward it-tip ta' kooperazzjoni operazzjonali, l-evalwazzjoni sabet li ċaqliqa mill-kofinanzjament parallel favur finanzjament konġunt tista', f'ċerti każijiet, tkun kemm fl-interess ta' dawk li jissellfu u tista' wkoll itejjeb l-effiċjenza tas-sostenn finanzjarju pprovdut mill-IFIs. F'dan il-kuntest, l-BEI għandu jkompli jippromwovi, bħalma qed isir bħalissa fil-mekkaniżmi finanzjarji ewlenin tal-UE skont l-IPA, l-ENPI u d-DCI, il-kunċett ta' dipendenza reċiproka bejn l-BEI u l-IFIs/EBFIs l-oħra. Dan inaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi għall-kofinanzjaturi u jiffaċilita l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti mill-promoturi billi jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom. Dawn l-arranġamenti għandhom jkompli jippromwovi Prattiki tajba tal-UE, bħal dawk dwar l-ambjent u l-akkwist, filwaqt li jieħdu inkonsiderazzjoni u jtejbju l-użu ta' sistemi lokali b'konformità mal-prinċipji u l-għanijiet tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi għall-effikaċja tal-għajnuna u tal-Aġenda Akkra għal Azzjoni ("Accra Aġenda for Action").

5. KONKLUŻJONI

Il-mandat estern tal-BEI sostnut mill-garanzija tal-UE wera li hu mezz effettiv biex iservi l-politiki esterni tal-UE billi jiffinanzja proġetti rilevanti fil-pajjiżi msieħba. Fl-istess ħin, aġenda esterna, wiesgħa u dejjem iktar ambizzjuża tal-UE timmira għall-ħtieġa ta' koerenza politika akbar u appoġġ imsaħħaħ tal-pajjiżi msieħba, pereżempju fil-ġlieda tagħhom kontra l-bidla fil-klima u l-effiċjenza tar-riżorsi, li saret prijorità ewlenija tal-UE.

Il-koerenza politika tista' tkun imtejba billi jkun żgurat allinjament aħjar tal-ambitu tal-mandat mal-vantaġġi komparattivi u l-mezzi eżistenti tal-BEI u titjib tal-gwida politika sabiex ikun żgurat rwol imsaħħaħ fl-appoġġ tal-politiki tal-UE.

Dwar l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-BEI wettaq l-operazzjonijiet tiegħu b'mod effiċjenti, imma l-effettività tista' titjeb bit-tisħiħ tal-kapaċità tiegħu biex jappoġġja lill-promoturi matul iż-żmien ta' proġett. Żieda fl-appoġġ għall-promoturi ta' proġett tassumi relevanza ikbar u dan minħabba l-enfasi ġdida magħmula mill-Parlament u l-Kunsill dwar il-ħtieġa li jitrawwem impatt ta' żvilupp soċjali u ekonomiku. Il-kisba ta' dan l-għan ikun jitlob li l-BEI isaħħaħ ir-riżorsi umani disponibbli għall-attivitajiet esterni tiegħu u tkun meħtieġa żieda fid-disponibbiltà tal-finanzjament ta' għotja komplementari.

Fid-dawl tal-Komunikazzjoni preżenti u l-konklużjonijiet tar-rapport SCWP u l-evalwazzjoni esterna, il-Kummissjoni qed tressaq proposta leġiżlattiva, bil-għan li ttejjeb il-konformità ma' għanijiet politiċi tal-UE u jiżdied il-valur miżjud ta' operazzjonijiet esterni tal-BEI għat-tieni nofs ta l-perjodu 2007-2013 kopert mid-Deċiżjoni.